MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## CAROL PERALTA

Seduta tad-9 ta' Frar, 2004

Numru 349/2001

**PULIZIJA**
**SPETTUR M. MICALLEF**

**VS**

**MARIO SPITERI**

**Illum 9 ta' Frar 2004.**

Il-Qorti;

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat Mario Spiteri ta’ 48 sena, iben Joseph u Rita nee’ Conti, imwieled il-Hamrun fit-30 ta’ Ottubru 1954 detentur ta’ karta ta’ l-identita’ bin-numru 792554 (M) u li joqghod ‘Casa Meroni’, Triq il-Velleran, Fgura;

Talli fit-23 ta’ April 2001, ghall-habta tas-6.30pm, gewwa l-Fgura, minghajr il-hsieb li joqtol jew li jqieghed il-hajja ta’ Eugenio Spiteri f’perikolu ciar, ikkaguna griehi ta’ natura gravi fuq l-istess Eugenio Spiteri skond kif iccertifika Dr. Pierre Schembri Wismayer MD tal-Isptar San Luqa;

U aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, dahal gewwa r-residenza ta’ Eugenio Spiteri gewwa l-Fgura, ghalkemm minghajr hsieb li jaghmel reat, wara li gie mwissi minnu u mil-mara tieghu Teresa, li m’ghandux jidhol, jew dahal bil-mohbi tieghu, jew bi skuza falza jew b’qerq iehor;

Kif ukoll talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, ingurja jew hedded lil Eugenio Spiteri kif ukoll lil mara tieghu Teresa Spiteri.

Ikkonsidrat:

Illi wara li semghet ix-xhieda prodotta u ezaminat id-dokumenti ezebiti;

U wara li hadet in konsiderazzjoni c-cirkostanzi kollha tal-kaz;

U wara li rat l-Artikoli 214 u 339 tal-Kapitolu 9;

Din il-Qorti filwaqt li mhux qed issib lill-imsemmi Mario Spiteri hati li kkaguna griehi ta' natura gravi, qeghda ssibu hati li kkaguna griehi ta' natura hafifa.

Ghaldaqstant, filwaqt li ssib htija fejn sabet, din il-Qorti qeghda tilliberah bil-kondizzjoni li ma' jikkommettix reat iehor fiz-zmien sitt (6) xhur mil-lum, a tenur ta' l-Artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti spjegat il-portata ta' din is-sentenza lill-imputat.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM--------------------------------